Kunsill Lokali
Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**
**IT-TMIEN KUNSILL**
**SEDUTA NRU. 22- L-Erbgħa 24 ta' Marzu 2021**

Il-Kunsill iltaqa' online nhar l-Erbgħa 24 ta' Marzu 2021 fl-16:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti** | Kevin Cauchi | Sindku |
| | Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Teddy Saliba | Kunsillier |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużata: | Loredana Agius | Ambaxxattriċi |

## 22.1 Talba

22.1.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Kevin Cauchi.

## 22.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

22.2.1 Inqraw il-minuti u ġew approvati.

## 22.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija

22.3.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 22.4 Kommunikazzjoni mis-Sindku

22.4.1 Is-Sindku Kevin Cauchi ndirizza l-laqgha billi spjega kif għal darb'oħra l-laqgħa kellha ssir online minħabba restrizzjonijiet tas-saħħa.

22.4.2 F'isem il-Kunsill, is-Sindku taha l-kondoljanzi lill-kunsillier Stephen Mercieca għat-telfa tal-għaziza ommu. Is-Sur Mercieca rringrazzja lill-Kunsill tas-sapport li wera miegħu f'dawn il-mumenti diffiċli.

22.4.3 Is-Sindku għamel referenza għall-appell tas-Sheep farm li għalih qed tirrappreżentana l-avukata Claire Bonello. Huwa spjega kif l-avukata ser toġġezjona li tistema' aktar xhieda u għall-fatt li s-seduta reġgħet ġiet posposta għal Ġunju.

22.4.4 Is-Sindku rrefera wkoll għall-karozza li hemm mitluqa wara l-każin tal-banda biex naraw x'ser nagħmlu biha. Il-Kunsill qabel li nkellmu lis-sid u jekk hemm bzonn nittowjawa ghal scrapping.

22.4.5 Is-Sindku spjega kif saret inspezzjoni lill-panelli solari tal-Kunsill mill-kumpanija Econetique u sabu diversi faults u hsarat. Dawn rranġawhom, inbidel l-appart meħtieġ u issa qegħdin jaħdmu kif suppost.

22.4.6 Is-Sindku rrefera għal kuntatti li kellu mal-komunita' ta' Loretu fl-Italja, dwar il-possibilita' li nagħmlu ħbiberija speċjali biex eventwalment tista' twassalna għall-ġemellaġġ. Huwa spjega kif bgħatilhom preżentazzjoni dwar il-villaġġ ta' Għajnsielem mimli ritratti u nformazzzjoni. B'mod infurmali kellu video call mas-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Lucienne Haber. Kienet laqgħa kordjali ħafna u flimkien iddiskutejna materji nfurmali. Il-prinċipji li għandom jiffurmaw din il-ħbiberija għanda tkun mibnija fuq diversi oqsma fosthom dak Reliġjuż, kulturali, sportiv, ekonomiku u edukattiv. Waħda mill-aspetti li ssemmew hija l-interess tagħhom fit-tagħlim tal-ingliż f'Malta u qbilna li għandna naraw kif nistgħu naħdmu fuq dan il-qasam. Qbilna li hekk għal ħabta ta' Ġunju nerġgħu nikkuntatjaw lil xulxin biex

nibdew sensiela ta' diskussjonijiet aktar formali u li wkoll jinkludu l-Kunsill kollu biex ikollna bażi tajba ħafna ta' ħbiberija. Il-Viċi Sindku Franco Ciangura rrefera li jixtieq li f'dawn il-kuntatti jissemma' l-fatt li ilna ħafna biex nibdew din il-ħbiberija iżda issa jidher li l-Kunsill t'hemmhekk inbidel u miegħu nbiddlu wkoll l-viżżjonijiet. Is-sindku qal li f'kuntatti formali li jmiss se jkun involut il-Kunsill kollu.

22.4.7 Is-Sindku Kevin Cauchi spjega kif mid-*decking* imkisser li kien intuża għall-flooring tal-Belvedere ta' Triq Hamri bdejna nużawh għal bini ta' partions u bins biex jintużaw fl-open spaces tal-lokal u b'hekk inkunu qed niffrankaw il-flus u nipporomovu l-użu ta' materjal riċiklat.

## 22.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

22.5.1 Il-kunsillier Stephen Mercieca faħħar ix-xogħolijiet li għaddejjin mill-Kunsill fil-Belvedere ta' Sant' Eliju u qal li l-proġett ġej sabiħ ħafna.

22.5.2 Il-kunsillier Stephen Mercieca rrefera għax-xogħol tat-taraġ tal-irħam li ser isir fi Triq Sant'Antnin minn A. F. Ellis. Huwa spjega kif assista lill-ħaddiem ta' din il-kumpanija biex jieħu l-kejl meħtieġ u ġie kkonfermat li sa xahar ieħor għandu jkun lest.

22.5.3 Il-Kunsillier Stephen Mercieca reġa' rrefera għat-talba li ressaqna sabiex isir *reserved parking bay* għall-Uffiċju Parrokjali. Is-Segretarja Lucienne Haber infurmatu li din ġiet miċħuda minn Transport ieħor billi diġa hemm disabled parking fil-qrib. Huwa issuġerixxa sabiex fil-futur nerġgħu nagħmlu attentat ieħor.

## 22.6 Korrispondenza

22.6.1 Ġiet trattata t-talba mingħand resident sabiex issir bozza ġdida fi Sqaq Lord Nelson. Sar qbil li għandna niċċekjaw eżatt dwar din il-ħtieġa u nimxu minn hemm.

22.6.2 Ġiet trattata l-korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn talbitna sabiex nidentifikaw ħames postijiet fejn jiġu nstallati *charging pillars* għall-vetturi elettriċi f'Għajnsielem. Il-Kunsill qabel li z-zoni magħzula għandhom ikunu:

a. Fil-parking ta' taħt il-każin
b. Quddiem il-każini / Kunsill
c. Żona magħrufa tal- Kaxxa / Pjazza Tolfa
d. Żona tal-Gudja ħdejn il- Playingfield
e. Żona tat-Torri

## 22.7 Laqgħa mas-Supretendent tal-Puluzija

22.7.1 Preżenti għal din il-laqgħa virtwali attenda f'ħin minnhom is-Supretendent tal-Pulizija t'Għawdex Joseph Hersey. Is-Sindku Kevin Cauchi rringrazzjah talli żamm kellmtu u f'inqas minn xahar reġa' ltaqa' magħna, din id-darba mal-kunsill kollu biex insemmgħu l-problemi tagħna.

22.7.2 Minn naħa tiegħu s-Supretendent ħabbar b'sodisfazzjon li l-Għassa ta' Għajnsielem flimkien ma' dik ta' Marsalforn ser iservu ta' Community Policing Hubs. Il-Kunsill innota b'sodisfazzjon din l-għażla u f'isem il-komunita' rringrazzjah.

22.7.3 Is-Supretendent Hersey minn naħa tiegħu spjega kif mill-aħħar laqgħa 'l hawn bdew jitneħħew it-trailers ta' ħdejn il-Heliport iżda dan huwa eżerċizzju li jieħu xi ftit fit-tul peress li l-ewwel irid jiġi identifikat sidhom.

22.7.4 Rigward karozzi abbandunati fil-lokalita' huwa spjega kif qed jaħdmu fuqhom ukoll iżda spjega kif dawn mhumiex responsabilita' tal-Pulizija biss iżda kemm dik tal-Kunsill, Transport Malta u LESA. Huwa spjega kif jippreferi li lill-pulizija jużah bħal prevenzjoni ta' xi *crime* milli jħarrek il-karozzi abbandunati.

22.7.5 Il-Kunsill innota b'sodisfazzjon li ser ikollna aktar preżenza tal-pulizija jduru mat-toroq u ser ikunu ta' gwadan kbir għall-komunita' kollha.

## 22.8 Kampanja ħaddar u sebbaħ lil Għajnsielem

22.8.1 Is-Sindku Kevin Cauchi fisser kemm il-Kunsill tagħna għandu għall-qalbu l-ambjent u kemm qed jinvesti fis-sħiħ f'dan il-qasam. Huwa ssuġġerixxa li sabiex nħeġġu din l-imħabba wkoll fis-residenti tagħna għanda nniedu skema ambjentali li tinkludi fi tqassim

ta' siġar għal ġol-ġonna u għelieqi f'Għajnsielem u anke pots dekorattivi ffjuriti biex isebbħu l-faċċati u t-toroq tagħna.

22.8.2 Huwa spjega kif ser ningħataw madwar mitt (100) siġra minn permess pendenti quddiem l-Awtorita tal-Ippjanar dik ta' stalla taż-żwiemel fi Triq il-Briegħen. Apparti hekk is-Sindku kkuntatja lill-Ambjent Malta u se nressqu t-talba għal 200 siġra oħra u hu propona li noħorġu skema lin-nies ta' Għajnsielem li min għandu ġnien jew għalqa nqassmuhom fid-djar tar-residenti tagħna. Ser ikun importanti li wieħed jikkonferma li ser jitħawwlu f'Għajnsielem u jipprovdilna l-evidenza.

22.8.3 Rigward il-proposta l-oħra, s-Sindku spjega li wieħed għandu jagħti aktar kulur lit-toroq tagħna speċjalment liċ-Ċentru tal-lokalita'. Huwa propona li jinxtraw qsari kkuluruti li jingħataw lir-residenzi taċ-Ċentru tal-Lokal bil-fjuri mħawwlin u jkunu huma li jieħdu ħsiebhom. L-iskop ta' dan huwa li barra li nsebbħu l-ambjent , ir-residenti jħossuhom parteċipi f'din il-kampanja. Il-Kunsill qabel ma' dan il-prinċipju. Sar qbil li għandna nressqu din it-talba lill-Ambjent Malta u nimxu minn hemm.

22.8.4 Huwa spjega kif l-istess kif l-istess prinċipju qed jiġi applikat lill-fjuri tal-Pjazza tad-Dehra fejn xi residenti qed jieħdu ħsieb isaqquhom huma.

## 22.9 Laqgħa ma' Għajnsielem Red Coats

22.9.1 Preżenti għal din il-laqgħa vitwali attenda f'ħin minhom ukoll is-Sur Joseph Scicluna f'isem id-Redcoats.

22.9.2 Irringrazzjana talli sibna l-ħin nisimgħu l-problemi tagħhom. Huwa esprima l-fatt li jidher li fl-iskola ma għadux posthom u qed isibu problema bil-ħinijiet tat-training fil-grawnd tal-football peress li l-uniku slot li hemm huma s-Sibt u l-Hadd. Fil-preżent qed jużawh is-Sibt biss peress li l-istudenti ma tantx jieħdu gost bi training fil-Jum tal-Ħadd. Problema oħra li għandhom hija l-ġarr tal-equipment li jeħodlu ħafna ħin biex kull darba jgħabbi u jħott il-vettura tiegħu.

22.9.3 Għalhekk huwa qed jipproponi li fil-preżent Għajnsielmem FC jgħaddulhom l-biċċa art fejn kienet tal-boċċi u fuqha jifirxu tapit tat-turf u li jużaw xi kamra minn ta' Bethelehem bħala store. Il-Kunsill minn naħa tiegħu urih li jrid jgħinhom kemm jista u sar qbil li għandha tiġi identifikata kamra ġo Ta' Passi biex tintuża bħala *storage*.

## 22.10 Update dwar Proġetti

Is-Sindku għamel referenza għax-xogħolijiet li għaddejjin bħalissa fosthom:-

22.10.1 - Dawl f' Ta' Passi - Is-Sindku rrefera għax-xogħol li għaddej tal-irrigation u ser isir professjonali. Huwa spjega kif x'ħin kien fuq il-post inġibditlu l-attenzjoni li s-sistema tad-dawl li hemm għaddejja fil-post hija perikoluża ħafna speċjalment dik tal-Via Sagra u spjega kif immedjatament ordna li jintefa' d-dawl. Għalhekk propona li kif qed issir it-trinka, jgħaddu l-pajpijiet biex jgħaddi d-dawl minn taħt l-art u jsiru points sabiex inkun faċilment nistgħu nżidu d-dawl mal-passaġġi. Ser jitgħadda wkoll *cable* oħxon għat-3 phase li ser jkopri nofs il-presepju. Sar qbil li għandna ninkarigaw lill-Aurelio Bugeja sabiex jikkordina flimkien ma' Richard Cauchi li huwa l-kuntratt tal-Kunsill tal-Street Lighting sabiex jikkordinaw flimkien u jitgħadda d-dawl bl-aktar mod sigur inkluż sistema ta' street lighting għal pasaġġi.

22.10.2 – Irrigation - Is-Sindku spjega kif biex l-irrigation ikun effettiv jinħtieg li tinbena ġiebja kbira biex tissuplixxi biżżejjed ilma. Il-qies propost huwa dak ta' 20 pied bi 15-il pied. Sar qbil li l-post ideali biex issir din il-ġiebja għandu jkun maġenb il-lukanda u nistgħu nitfgħu l-ilma tax-xita ta' ġol-grawnd għal ġo fiha sabiex nevitaw ħela ta' ilma.

22.10.3 - Pjazza Tolfa – Is-Sindku spjega kif Pjazza Tolfa ser jinbeda x-xogħol din il-ġimgħa. Diga qlajna l-street furniture . Saret talba biex isir id-disconnection tad-dawl u din ġiet milqgħuha. B'effett minn għada il-kuntrattur Mark Attard ser jibda jagħlaq bis-safety hoarding biex ikunu jistgħu jaħdmu fil-privacy u safety. Is-Sindku rrefera għall-ġebla li għandha tinġab minn Tolfa. Huwa spjega kif is-Sindku Luigi Landi identifika waħda iżda din ma tantx intogħġbot. Sar qbil li għandna nitolbuh jurina oħra aktar addattata.

22.10.4 - Sant Eliju - Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għax-xogħol ta' tisbiħ fil-Belvedere Sant'Eliju u li hu miexi b'rittmu tajjeb ħafna. Bħala disinn tal-mosaic għaċ-ċint ser ikollna disinn mill-isbaħ tan-natura provdu mill-mosajkista Mary Portelli u ser jinħadem minn Team Mosaic. Huwa spjega kif id-disinn ser ikun jinkludi l-knisja ta' Għajnsielem, il-forti ta' Chambray u n-natura. Is-Sindku rrefera għal fatt li minn barra l-ispazju ta' bankijiet *bins* u l-mejda tal-*mosaic* bil-bankijiet madwarha ser jibqa parti sostanzjali vojta. Huwa talab il-kunsilliera x'jaħsbu jekk ninstallawx żewġ *outdoor gym equipments* fil-post. Il-Kunsill qabel ma' dan.

## 22.11 Restawr tan-Niċeċ

22.11.1 Is-Sindku rrefera għal fatt li kif qbilna fl-aħħar laqgħa, ġiet ippublikata t-tender tar-restawr taċ-ċumnija li mistennija tagħlaq fit-8 ta' April 2021. Huwa spjega kif minn kuntatt li għamel mal-Perit, ir-restawr tan-niċeċ ma jinvolvix xogħol kbir u għalhekk l-ispejjes li jirrikjedu mhumiex kbar. Il-perit irrakkomanda xi kuntratturi li huma kapaċi għar-restawr u l-Kunsill qabel li aħna fortunati li wieħed minn dawn il-persuni, Rudolph Cauchi, huwa Għajnselmiż u għalhekk għandna nikkuntatjawh sabiex jipprovdilna stima u nkunu nistgħu nqassmu x-xogħol.

## 22.12 Festa Leġġendi

22.12.1 Is-Sindku propona sabiex fl-aħħar tas-sajf, dejjem jekk jippermettu r-restrizzjonijiet maħruġa mid-Dipartiment tas-Saħħa fid-dawl ta' din il-pandemija, għandha tinżamm Festa Leġġendi ispirata mill-ktieb ta' leġġendi ta' George Pisani. Huwa propona li jinżammu serati fuq tlett iljieli bil-parteċipazzjoni ta' Folk music, re-enactment tal-istorja t'Għajnsielem u xi rakkonti. Huwa semma' li s-Sur Jason Aloisio resident f'Għajnsielem lest li jassistina fl-organizazzjoni ta' dawn is-serati.

## 22.13 Ħruġ tal-Kuntratt tal-knis u tindif tal-bins

22.13.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Lucienne Haber spjegat kif il-kuntratt tal-knis skada u d-Dipartiment talabna sabiex inġedduh kemm jista jkun malajr. Hija għamlet referenza għad-diversi lmenti li qed jidħlulna l-Kunsill dwar nuqqas ta' knis u ndafa fir-raħal. Hija spjegat kif dan mhux aċċettabli

u l-Kunsill irid jagħti randikont tal-finanzi tiegħu u l-infiq tagħhom. Spjegat ukoll li nbidlu t-termini tal-kuntratt u jirrikjedu li l-kuntrattur ikollu *mechanical sweeper* u *datatrak*.

22.13.2 Il-Kunsill qabel li fuq rakkomandazzjoni tas-Segretarja u s-Sindku, għandha titfassal skeda li ta lanqas kull triq tinkines darba fil-ġimgħa. Sar qbil ukoll li l-kuntrattur għandu kuljum imur jiffirma l-Kunsill u jikkonferma r-rotta miknusa. Sar qbil ukoll li l-kuntratt għandu jinkludi li ma tlett *warnings* il-kuntratt jigi tterminat. Sar qbil ukoll li għandna nitolbu talba *optional* sabiex darba kultant tinkines Triq il-Briegħen bil-mechanical sweeper. Sar qbil ukoll li d-durazzjoni tal-offerta għandha tkun dik ta' tlett snin.

22.13.3 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura tenna li la darba r-relazzjonijiet tagħna mal-parroċċa tjiebu, ikun xieraq li nibdew ninkludu l-knis tal-Pjazza. Il-Kunsillier Larry Buttigieg ġibed l-attenzjoni li r-relazzjoni tal-Kunsill mal-Parroċċa dejjem kienet tajba għajr nuqqas ta'qbil fuq każ wieħed, ċioe dak tal-proġett tal-Pjazza. Is-Sindku wieġeb li peress li s'issa l-Pjazza għadha dikjarata tal-privat, ma nistgħux ninkluduha. Jekk fil-futur qarib, il-Gvern Ċentrali jwettaq il-proġett ta' tisbiħ fiha u tiġi pubblika jew isir xi tip ta' ftehim uffiċjali, din għandha tiġi nkluża fil-kuntratt billi tiżdied klawsola proviżorja anke f'każ li tiżdied xi triq jew xi żona.

## 22.14 Sostenibilita' tal-Iżvilupp ġewwa Għawdex

22.14.1 Is-Sindku rrefera għal-laqgħa tar-Reġjun Għawdex rigward l-iżvilupp bla rażan li qed isir f'Għawdex. Huwa spjega kif jidher ċar li s-Sindki huma kollha favur li jkollna żvilupp sostenibli.

22.14.2 Huwa spjega kif waqt din il-laqgħa hu tkellem dwar l-bżonn li l-kunsilli jingħataw kumpens kontra l-iżvilupp apparti dak tad-DPF fund li jiġi iffinazjat minn nuqqas ta parkeġġi.

22.14.3 Tkellemt wkoll fuq l fatt li importanti li kull żvilupp f'ODZ jew ikun ser isir xi żvilupp kbir, huwa mportanti ħafna li l-kunsill għandu jkun notifikat bih.

22.14.4 Il-Viċi Sindku Franco Ciangura propona li tiġi mmodifikata jew mtejba l-mod kif jiġi ffinanzjat id-DPF fund għaliex filwaqt li qed iħalli flus lil Kunsill għal ċertu proġetti, dan qed isir a skapitu ta' aktar

karozzi fit-toroq mingħajr garage u għalhekk bi problema akbar ta' parkeġġ fil-lokalita'.

## 22.15 Materji oħra

22.15.1 Il-kunsillier Stephen Mercieca rrefera għal-proposta li ddiskuta miegħu s-Sindku ftit tal-ġranet qabel li nagħmlu personaġġi fil-pjazza tad-dehra ħdejn l-Għajn tal-Hasselin li jkunu jinkludu l-persuni ta' dik l-epoka. Is-Sindku Kevin Cauchi qal li l-ideja hi li billi l-Għajn tal-Hasselin hi pjuttost speċi ta' kamra vojta, jinħolqu karattri tal-bronż (jekk finazjarjament ikun possibli) jew tal-fiber li jixbħu x-xenarju tal-famuż ritratt tas-seklu dsatax fi tfal fuq il-bankina u persunaġġi jġorru l-ilma jew jaħslu.

22.15.2 Il-viċi sindku Franco Ciangura qal li biex jiġi evitat ċertu spejjeż, dawn il-karattri jistgħu jiġi mlibbsa ħwejjeġ tad-drapp li jistgħu jinbidlu minn żmien għal żmien.

22.15.3 Is-Sindku Kevin Cauchi talab sabiex il-kunsilliera jkomplu jinvestu f'idejat dwar dan il-kunċett u meta il-quddiem ikun hemm opportunatijiet ta' fondi artistiċi għadna nieħdu l-opporunita li napplikaw.

22.15.4 Il-kunsillier Larry Buttigieg staqsa jekk hix ser issir il-bankina taċ-ċimiterju. Is-sindku Kevin Cauchi qal li ppjanata biex il-quddiem issir bil-porfido bħal bankina ta' faċċata iżda għalissa hemm xogħlijiet li huma tta' prijorita akbar.

22.15.5 Is-Sindku rrefera għall-iskema tal-LESA fejn għaliha l-Kunsill jista' jressaq proġett sa' massimu ta' €80,000. Il-Kunsill qabel li għandu jissottometti żewg progetti bil-għan li jintagħżel wieħed. L-ewwel għażla għandha tmur fuq il-proġett ta' Triq il-Qigħan u t-tieni fuq il-proġett tad-dwal għal-proġett ta' quddiem il-każini. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

**22.16 Approvazzjoni tal-Pagamenti**

22.16.1 Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-iskeda tal-Pagamenti għall-approvazzjoni. Il-pagamenti kollha ġew approvati.

**22.17 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

21.17.1 Il-laqgħa intemmet fit-7:30pm u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 21 t' April 2021 fl-4:00pm.

**Kevin Cauchi**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Eżekuttiv**